# Beati u Qaddisin....Awissu

## San Gwann Marija Vianney 4 ta' Awissu

San Gwann Maria Vianney twieled tlett snin biss qabel ir-Rivoluzzjoni Franciza go familja umli u profondament kristjana gewwa Dardilly f' Lyons. Ghal-ewwel kien jaghmilha ta' rghaj u jikkultiva l-ghelieqi. Sa minn ckunitu kulhadd kien jinnotah li kellu virtujiet qaddisa mhawla go fih, fosthom l-imhabba lejn Marija Ssma u lejn il-fqar. Huwa xtaq jsir sacerdot imma lahaq l-ghan tieghu mhux ghax kellu xi talenti izda minhabba il-pieta' tieghu. L-isqof ordnah sacerdot meta qalulu li kien jghid ir-Ruzarju qisu anglu tas-sema. Wara xi ha it-tahrig tieghu ta' vici kappillan fis-sena 1817 tawh ir-responsabilita' ta' kappillan gewwa il-parrocca ta' Ars, li kienet wahda mitluqa u fiha kienu jghixu nsara ta' nofs kedda.



Waqt il-vjagg tieghu lejn Ars, meta lemah il-kampnar tal-knisja nizel gharkubtejh u talab lil Alla jbierek il-ministeru tieghu. L-ewwel pass li ghamel kien li jzur il-parruccani tieghu u mill-ewwel rebhilhom lil qalbhom bil-karizma tieghu. Minn nsara ta' nofs kedda nisslu fihom dak l-ispirtu nisrani mixtieq biex wiehed jisejjah kristjan. Huma bdew jharsu l-jum tal-Hadd bi skruplu kbir. Bil-hidma qaddisa tieghu il-komunita' ta' Ars imbidlet minn wahda nisranija ta' l-isem ghal wahda religjuza. Dam jithabat ghal ghaxar snin shah biex Ars jittrasforma ruhu. Il-knejjes kienu jintlew minn sena ghal ohra u s-sokor gheb tant li t-

taverni kellhom jaghlqu il-bibien taghhom ghax ma kienux aktar patronizzati. L-Onesta' saret il-karatteristika principal tar-rahal. Nissel devozzjoni kbira fost ir-rahhala lejn il-Madonna. Ried li quddiem kull dar ikun hemm ix-biha ta' Marija imzejna bil-fjuri

Il-qdusija tieghu xterdet ma' l-inhawi ta' madwar u hafna kienu dawk li kienu jzuruh biex jisimghu l-kelma tieghu. Kienu jispiccaw li jersqu lejn is-sagrament tal-qrar u jbiddlu hajjithom. Kellu d-don li jaghraf l-ispirtu ta' min kien ikollu quddiemu. Isma' it-tahdita li kellu ma' wahda penitenta li giet biex tqerr ghandu:

-Tiftakar li fit-tali u t-tali gurnata inti mort il-ballu?

- Iva niftakar.

-Tiftakar li f'mument dahal guvni sabih fis-sala tal-ballu. Kien liebes sabih u zifen ma hafna xbejbiet?

-Iva

- Tiftakar li kellek xewqa kbira li tizfen mieghu?

-Ehe.

-Tiftakar li hassejt dieqa ta' qalb ghax ma zifinx mieghek?

-Iva niftakar

-Tiftakar li inti harist lejn saqajh u rajt bhal dawl blu hiereg minnhom.

-Iva niftakar.

- Kun af mela li dak ma kien hadd ghajr ix-xitan li ha dik is-sura biex jittanta diversi xebbiet li kienu qed jiehdu sehem fil-ballu hemmhekk.. Imma huwa ma seghax jersaq lejk ghax inti Bint Marija, protetta u mharsa minnha u ghaliex inti kont liebsa il-midalja mirakluluza.

Dawn il-konverzjonijiet kollha kienu jsehhu bil-grazzja t'Alla li kien jara fih bniedem ta' penitenza kbira. Kien jorqod fil-kantina fuq saqqu fl-art jew minn xi daqqiet fuq gozz injam. Ix-xitan ma kienx jahmel li jara dawn il-konverzjonijiet kollha u kien jippersegwitah. Kien jghaddi madwar tmitax-il siegha fil-konfessjonarju, jisma' il-htijiet tal-bnedmin u jressaqhom lejn Alla bil-pariri tieghu,u jikkonsla lil dawk ta' qalbhom imnikkta. Il-bqija kien jipprepara il-priedki tieghu bil-ghaqal, jqaddes u jghallem il-katekizmu.

F'l-4 ta' April, 1859 meta kellu 84 sena huwa miet minkejja l-penitenzi kbar li kien jaghmel u l-marda tar-rematizzmu li kien ilu jgarrab ghal snin twal.